# KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Għargħur

IS-SEBA' LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 44

Data tal-laqgħa: 8 ta' Novembru, 2017

*Il-Kunsill Lokali Ħal Għargħur ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar l-Erbgħa, 8 ta' Novembru 2017 fis-6.00p.m.*

| ***Preżenti*** | ***Membri*** |
|---|---|
| Sindku | Ġiljan Aquilina |
| Viċi Sindku | Mario Gauci |
| Kunsillieri | Christopher Fenech |
| | Carl Grech |
| | Mark Azzopardi |
| Ambaxxatur Żagħżugħ | Skużat |
| Segretarju Eżekuttiv | Maria Tanti |

Il-laqgħa bdiet fis-6.05p.m. billi ntqalet it-talba.

**44/01** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

**44/01/01** Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

**44/02** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Numru 43**

**44/02/01** Ma kienx hemm korrezzjoni fil-Minuti. Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-minuti.

**44/02/02** **Para 43/02/02**: Ir-*resurfacing* ta' parti mit-Triq l-Indipendenza sar mill-ħaddiema ta' Transport Malta.

**44/02/03** **Para 43/02/03:** Il-Kunsill għadu ma rċeviex risposta fuq il-kamra li applikajna sabiex tiġi devoluta lilna ħalli tintuża bħala librerija. Kemm is-Sindku kif ukoll is-Segretarju Eżekuttiv bagħtu diversi ittri-e lis-Sur Carlo Mifsud (CEO).

**44/02/04** **Para 43/02/04:** Il-laqgħa ta' konsultazzjoni mar-residenti rigward l-immaniġġjar ta' traffiku mhux ħa ssir għalissa.

44/02/05 **Para 43/02/05:** Fuq ir-*Revised Street Light Program,* it-tender ġie aġġudikat u l-kuntratt ħa jiġi ffirmat nhar it-Tlieta, 5 ta' Diċembru 2017.

44/02/06 **Para 43/02/07:** Is-Sindku qal li l-ARMS bagħtu l-ewwel kont tas-*Searchlight Battery*.

44/02/07 **Para 43/02/09:** Ix-xogħol ta' *refreshing* tas-sinjali fi Triq il-Ġnien sar.

44/02/08 **Para 43/02/10:** Il-Kunsill baqa' ma rċeviex risposta mingħand il-bord tal-Awtorità tal-Artijiet rigward it-talba tagħna sabiex it-Torri tas-Semaforu jkun jista' jinkera ħalli jintuża sabiex isiru esibizzjonijiet.

44/02/09 **Para 43/02/11:** Fuq is-suġġeriment li ressaq is-Sur Christopher Fenech li ssir *information* panel ħdejn it-Torri tas-Semaforu, is-Segretarju Eżekuttiv ħarġet il-*works order*.

44/02/10 **Para 43/02/13:** Is-Sindku reġa' bgħat *reminder* fuq x'ħa jiġri mill-ground tax-Xwieki.

44/02/11 **Para 43/02/14:** Is-Sur Ġiljan Aquilina spjega li dalwaqt jibda x-xogħol fuq il-Victoria Lines. Barra minn hekk, saħaq l-importanza li jibdew mill-Għargħur peress li jinsabu fi stat ħażin.

44/02/12 **Para 43/02/15:** Fuq id-diversi toqob li jridu jsiru mill-ħaddiema tad-dipartiment tax-xogħlijiet, dawn ġew fuq il-post u għaldaqstant issa qed nistennew il-*works order*.

44/02/13 **Para 43/02/18:** Is-Sindku qal li x-xogħol fuq il-fuljett beda u li għandu jkun lest fl-ewwel ġimgħa ta' Diċembru.

44/02/14 **Para 43/02/19:** Rigward l-inċident awtomobilistiku li seħħ fil-21 t'Ottubru 2015 fi Triq San Nikola fejn fanal waqa' fuq il-vettura LEK941, is-Sindku kkonferma li l-ispejjeż ġew imħallsa u l-issa l-każ magħluq.

44/02/15 **Para 43/02/21:** Fuq il-proposta li Triq Għaxqet l-Għajn (min-naħa ta' Birguma) issir *one-way* mis-6:00a.m.-9:00a.m, fil-futur qarib Transport Malta ħa torganizza laqgħa bejn il-Kunsill Lokali Naxxar u l-Kunsill Lokali Għargħur.

44/02/16 **Para 43/02/22:** Rigward is-sistema ta' *Traffic Lights* fi Triq il-Ġnien, is-Sindku qal li Bonnici Brothers ma jikrux sistemi ta' *Traffic Lights* għal ġimgħa jew xahar. Is-Sur Christopher Fenech qabel li għandhom jiġu instalati b'mod temporanju għal perjodu ta' prova. Barra minn hekk, is-Sur Mario Gauci spjega li jeżistu sistemi ta' *Traffic Lights* b'żewġ kuluri u li dawn kienu approvati minn TM fil-passat. Is-Sindku qal li llum hawn ukoll sistemi ta' *Traffic Lights* li jaħdmu bis-*solar panels*.

44/02/17 **Para 43/02/24:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li s-sejħa għal offerti għal erba' *outdoor gym equipment* (għal Ġnien il-Paċi) ħarġet u ser tagħlaq nhar l-20 ta' Novembru 2017.

44/02/18 **Para 43/02/26:** Is-Segretarju Eżekuttiv għamlet kuntatt ma' Sinj. Cassar li toqgħod fi Triq Santa Katerina fejn spjegatilha li l-liġi tgħid li mhux suppost jitħallew mini-buses barra matul il-lejl. Is- Sinj.Cassar għandha tibgħat numru ta' ritratti lil ADT.

**KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR**

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

| | |
|---|---|
| **44/02/19** | **Para 43/02/27:** Fuq is-suġġeriment biex issir xi ħaġa flok iż-żewġ *bollards* ħdejn l-stage tal-pjazza peress li kull darba jintlaqtu mit-trakkijiet, il-Kunsill qabel li ssir U-bar fuq kull naħa. |
| **44/02/20** | **Para 43/02/28:** Fuq it-talba biex fi Sqaq Rużarju jkun hemm bollard li jissakkar**,** is-Segretarju Eżekuttiv għandha ġġib stima tax-xogħlijiet. |
| **44/02/21** | **Para 43/02/29:** It-tabella 'T' għal Sqaq Rużarju saret. |
| **44/02/22** | **Para 43/02/30:** Fuq it-talba ta' Sur Ancilleri sabiex titranġa parti mill-bankina fi Sqaq iċ-Ċawl, għadna qed nistennew l-istima mingħand ir-Road Servicing Ltd. |
| **44/02/23** | **Para 43/02/31:** Is-Sindku qal li l-bank tal-Ġnien il-Ponta ssewwa. |
| **44/02/24** | **Para 43/02/32:** Is-Sur Mark Azzopardi kien ressaq li titranġa t-tumbata li hemm fi Triq Kromb il-Baħar, din saret. |
| **44/02/25** | **Para 43/02/33:** Fuq il-problema li Triq F. Zarb (fi Sqaq ta' ħdejn l-antenna) qed iżomm ħafna ilma, is-Sur Mark Azzopardi ssuġġerixxa li l-ħaddiema tal-Kunsill inaddfu t-toqba u għaldaqstant għandu jibgħat ritratt tagħha fil-ġranet li ġejjin. |
| **44/02/26** | **Para 43/02/35:** Fuq it-tabelli li ressaq is-Sur Christopher Fenech 'STOP' sign fi Triq San Bartilmew; Żewġ tabelli tal-'*one-way*' fi Triq Żagħruna; Tabella 'T' fi Triq Santa Marija taż-Żellieqa; Vleġġa fi Triq Karmnu Żarb; Tabella li turi '*sleeping police*' kif ukoll tabella li turi trakkijiet żgħar fi Triq Triq Karmnu Żarb u tabella 'STOP' fi Triq Żagħruna saru kollha. |
| **44/02/27** | **Para 43/02/36:** Fuq is-suġġeriment li ressaq is-Sur Christopher Fenech li jeħlu t-tabelli tal-'*one-way*' fi Vjal ir-Repubblika k/m Triq Karmnu Zarb, ix-xogħol lest. |
| **44/02/28** | **Para 43/03/02:** L-Electrician tal-Kunsill għandu jibdel żewġ fanali wieħed fi Triq Mons L. Catania u l-ieħor fi Triq Ferdinand, kif ukoll itaqqab il-fanali l-ġodda, dan ix-xogħol għadu pendenti. |
| **44/02/29** | **Para 43/03/03:** Is-Sur Aquilina qal li l-Kunsilli Lokali ghal din is-sena mhux ser jkunu parti minn attivita nazzjonali b'risq l-Istrina kif originarjament pjanat. |
| **44/02/30** | **Para 43/03/05:** Fuq it-talba li ressaq is-Sindku sabiex jimtlew it-toqob ta' Sqaq Zico, ix-xogħol għadu pendenti. |
| **44/02/31** | **Para 43/03/07:** It-toqba li kellha ssir f'Misraħ il-Knisja sabiex titpoġġa s-Siġra tal-Milied saret. |
| **44/02/32** | **Para 43/05/02:** Is-Sindku spjega li l-erba' gradi tal-ħadid li ordnajna mingħand il-Muzzan Blacksmiths għandhom ikunu lesti f'nofs Novembru. |
| **44/02/33** | **Para 43/05/10:** Ir-*road hump* fi Triq Caravaggio saret u ma daħlux ilmenti l-Kunsill. |

**44/02/34** **Para 43/05/13:** Fuq it-talba ta' Sur Alfred Muscat sabiex jitwal id-*double yellow line* minn ħdejn ic-Cent Anni sal-kantuniera fi Triq Mons L. Catania, ix-xogħol sar.

**44/02/35** **Para 43/05/15:** Fuq it-talba ta' Sur Carmelo Bezzina sabiex titranġa l-bankina fi Triq San Bartilmew (fin-niżla) għax l-ilma qed jitħolhom ġewwa. Is-Sindku reġa' saħaq li fil-passat diġà kienet saret *site-visit* u li l-bankina u t-triq saru qabel l-iżvilupp. Biss ħa terġa' ssir *site-visit* oħra mal-Perit sabiex jagħtina parir tekniku.

**44/02/36** **Para 43/05/16:** Fuq it-talba ta' Sur Falzon sabiex Triq il-Ġdida tiġi one-way (jiġifieri minn Triq il-Ġdida titla' għal Triq il-Kbira) peress li qed jagħmlulu l-ħsara fil-faċċata, saret *site-visit* u l-Kunsill ma laqax din it-talba peress li min din it-triq ma jgħaddux ħafna karozzi.

**44/02/37** **Para 43/05/17:** Fuq it-talba ta' Sur Charles Zerafa biex titranġa l-bankina ta' quddiem id-dar nru 125 fi Triq Caravaggio, il-ħsara ssewwiet.

**44/02/38** **Para 43/05/18:** Is-Sindku spjega li l-ittra li kelna nibagħtu lis-Sinj. Marianne Vella sabiex nispjegawlha li l-*pole* taz-*zebra crossing* ser jinqala' sakemm id-dar taqa' u terġa' tinbena u li kif jitlesta x-xogħol l-istess *pole* jerġa' jitpoġġa lura f'postu ntbagħtet.

**44/02/39** **Para 43/05/19:** Fuq l-ilment li ressaq is-Sur Laurence Mizzi għax hemm xi ħadd li qed jitma' l-qtates fi Triq l-Indipendenza, l-stickers dwar il-*feeding* tal-annimali tpoġġew.

**44/02/40** **Para 43/05/22:** Is-Sur Mark Azzopardi kien ressaq li ssir tabella 'Do Not Obstruct' qrib il-Ġnien tal-Ponta għax sid l-għalqa ma jkunx jista' jidħol u joħroġ minnha, din it-tabella saret.

**44/02/41** **Para 43/05/24:** Is-Sur Christopher Fenech kien ressaq li tinbidel it-tabella tal-'*one-way*' li tinsab ħdejn il-Każin tal-Banda, din it-tabella saret.

**44/02/42** **Para 43/05/25:** Fuq is-suġġeriment li ressaq is-Sur Christopher Fenech li jsir *bus shelter* fi Triq Stiefnu Zerafa, il-Kunsill qabel unanimament li ma jsirx għalissa.

**44/03** **Komunikazzjoni mis-Sindku**

**44/03/01** Is-Sindku ressaq suġġeriment li jsir dawl dekorattiv tal-milied fir-roundabout ta' Triq Stiefnu Zerafa. Dan kollu ser jiġi jiswa 200Ewro. Kulħadd qabel li ssir.

**44/03/02** Is-Sindku ressaq li jsiru *parking bays* ġodda f'parti minn Triq l-Indipendenza, kien hemm qbil unanimu. Għaldaqstant, talab lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex iġġib stima mingħand is-Signmark u tibgħatha lil Kunsilliera kollha.

**44/03/03** Is-Sur Aquilina qal li għandna bżonn nixtru żewġ bins ġodda għal Ġnien ta' Żagħruna. Kien hemm qbil unanimu.

**44/03/04** Is-Sur Ġiljan Aquilina ressaq li jsiru 4 stampi ġodda fuq boards fil-Ġnien ta' Żagħruna. Ix-xogħol ħa jsir mingħand Destijl u li l-istampi ħa jagħzilhom is-Sur Mark Azzopardi. Kien hemm qbil unanimu.

**44/03/05** Is-Sindku ressaq żewġ kwotazzjonijiet għal tabella magħmula mill-irħam u tabella magħmula mill-perspex għal Ġnien ta' Żagħruna. It-tabella tal-irħam ser issir mingħand Rabat Marbles filwaqt li t-tabella tal-perspex ser issir mingħand l-Intervisions. Is-Sur Mark Azzopardi ssuġġerixxa li l-isem tal-Kunsilliera jinkiteb sħiħ. Kien hemm qbil unanimu.

**44/03/06** Is-Sur Ġiljan Aquilina qal li ċertu Sur Scerri qed jgħid li sid il-berġa jridha lura u sabiex il-Kunsill isib post alternattiv. Is-Sur Aquilina spjega li l-problema tmur oltre minn hekk u li s-sena l-oħra l-gvern nefaq ħafna flus għaċ-Ċentru Leap. Is-Sur Christopher Fenech qal li għandna niktbu lil Ministru u ngħidulu li ġejna avviċinati mis-Sur Scerri. Is-Sindku qara l-ittra li rċevejna mingħand is-Sur Scerri u qal li aħna bħala Kunsill ma naqblux. Is-Sur Mario Gauci spjega li għandna nibagħtu ittra u li fiha nitolbu li nkunu nfurmati u aġġornati b'dak kollu li jkun qiegħed jiġri. Is-Sur Fenech qal li għandna nibagħtuha lil Prim Ministru, lil Onor. Dr Chris Fearne, lil Onor. Dr Michael Farrugia u lil Onor. Dr Michael Falzon.

**44/03/07** Is-Sindku spjega li rċieva petizzjoni mir-residenti ta' Gardenia Court peress li qed jidħlilhom ħafna ilma fil-garaxxijiet tagħhom minħabba l-ħsara li hemm fil-ġibjun. Peress li l-ġibjun jaqa' taħt ir-responsabbiltà tal-Lands, il-Kunsill qabel unanimament li nibagħtu l- petizzjoni lil Lands. Is-Sur Christopher Fenech qal li għandna ninfurmaw lil dawn ir-residenti li aħna bgħatna l-petizzjoni tagħhom lil Lands. Kien hemm qbil unanimu.

**44/03/08** Is-Sur Aquilina propona li l-attività tal-karnival issir nhar it-Tnejn, 12 ta' Frar 2018. Hu ssuġġerixxa li għal entertainment ngħidu lil Big Friends Guggen Musik Malta.

**44/03/09** Is-Sur Ġiljan Aquilina ressaq sabiex għal attività Mixja sal-Għar nordnaw il-pudina u l-kokodina. Barra minn hekk, ħa nordnaw il-fjakkoli mingħand Victor Camilleri.

**44/03/10** Is-Sindku ressaq li s-Sur Alfred Muscat ikun ic-Chairperson tas-Sotto Kumitat Qasam Soċjali. Kien hemm qbil unanimu.

**44/03/11** Is-Sur Aquilina spjega li s-Sur Lupi Spencer ser jorganizza 4 talks fuq il-biedja.

**44/03/12** Is-Sindku qal li Green MT bidlu l-kuntrattur li jiġbor il-boroż il-griżi u l-ħġieġ u li l-kuntrattur il-ġdid huwa Waste Collection Ltd.

**44/03/13** Is-Sur Ġiljan Aquilina spjega li tal-Measure 4.3 (Rural Development Programme) talbuna xi *clarifications*.

**44/03/14** Is-Sur Aquilina qal li l-attività tal-Halloween saret u kienet suċċess.

**44/03/15** Is-Sindku ressaq li ssir *road hump* ġdida fi Triq l-Indipendenza minflok dik li kien hemm qabel peress li spiċċat. Kulħadd qabel li ssir.

**44/04 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

**44/04/01** Ma kienx hemm.

**KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR**

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

**44/05** **Rapporti, ilmenti u ordnijiet ta' xogħlijiet**

**44/05/01** Ġiet innutata stima mingħand is-Sur Anton Zarb għal bankijiet.

**44/05/02** Il-Kunsill irċieva CIR AKL 81/2017 – Laqgħa tas-Sindki, 15 u 16 ta' Diċembru 2017, Grand Hotel, Mġarr, Għawdex – Formoli tar-Reġistrazzjoni.

**44/05/03** Il-Kunsill irċieva Ċirkulari Numru 30/2017 – Twettiq ta' proġetti utli għall-Komunità bla spejjeż għall-Kunsilli Lokali.

**44/05/04** Ġiet innutata korrispondenza mis-Sinjura Margaret Zammit rigward l-Inizjattiva Finanzjarja favur il-Komunità – Librerija Lokali / Reġjonali (Ċirkulari Numru 22/2017).

**44/05/05** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mis-Sinjura Camilla Appelgren – *Nationwide Spring Clean Up on Earth Day* .

**44/05/06** Ġew innutati żewġ stimi mir-Road Servicing Ltd – *Patch at Triq San Ġwann near Sqaq l-Imnieqa.* Kien hemm qbil li ngħidu lis-SE tar-Reġjun Tramuntana sabiex il-fondi ta' tarmac jintużaw sabiex isir *patching* f'parti oħra minn Triq San Ġwann minflok ħdejn Sqaq l-Imnieqa.

**44/05/07** Il-Kunsill irċieva Ċirkulari Numru 31/2017 – Proċedura stabbilita għal meta jinbidel is-Segretarju Eżekuttiv ta' Kunsill Lokali. Flimkien ma' *Standard Operating Procedure* 3/2017 u Ċirkulari Numru 16/2016 mehmuża magħha.

**44/05/08** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mis-Sur Alex Gasp – *Bins to collect second hand clothing.* Il-Kunsill ma laqax din il-proposta għax normalment ħdejn dawn il-bins in-nies iħallu ħafna skart ieħor.

**44/05/09** Il-Kunsill irċieva CIR AKL 87/2017 – European Youth Event 2018. Mill-Kunsill tal-Għargħur ħa jattendi s-Sindku Ġiljan Aquilina bħala parteċipant u l-Kunsillier is-Sur Mark Azzopardi bħala Leader.

**44/05/10** Il-Kunsill irċieva mingħand is-Sur Silvio Scerri – Rapport mill-Kunsill Lokali Rigward ir-Reserved Parking Bay, l-applikant huwa s-Sur Lawrence Borg li joqgħod Triq K. Zarb.

**44/05/11** Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority.

**44/05/12** Il-Kunsill irċieva Ċirkulari Numru 33/2017 – L-Att dwar ix-Xandir (Kap 350).

**44/05/13** Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority.

**44/05/14** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mill-Planning Authority – Notification of Receipt of Fresh Plans – PA/05041/17 (Applicant: Mr. Mario Brincat; Location: Site at (Previously known as Summiena Farm), Sqaq l-Imnieqa, Naxxar; Proposal: Demolition of existing broiler houses and reconstruction of an old people's home as well as residence for young adult persons (class 2A) with either intellectual disability or mental challenges including construction of internal pool and all necessary amenities / facilities). Kien hemm qbil

unanimu li nibagħtu ittra ta' oġġezzjoni. Barra minn hekk, kien qbil unanimu li nibagħtu ittra ta' oġġezzjoni oħra fuq id-dar tal-anzjani li għadha qed tinbena u li tinsab ftit metri 'l bogħod mir-*roundabout* ta' Birguma *bypass* int u ħiereġ mill-Għargħur, dan għaliex ħadu l-bankina kollha.

**44/05/15** Il-Kunsill irċieva CIR AKL 92/2017 – Data u ħin tas-sessjoni ta' taħriġ rigward is-Sit Elettroniku tal-Awtorità tal-Ippjanar. Is-Segretarju Eżekuttiv ħa tattendi għal dan it-taħriġ.

**44/05/16** Il-Kunsill irċieva mingħand l-Intervisions – *Art work for dear dog sign*. Il-Kunsill qabel li jordna 3 tabelli tal-klieb (standard).

**44/05/17** Il-Kunsill irċieva stedina għal Konferenza li se tittella' mill-*Commonwealth Local Government Forum* f'Malta bejn il-21 u l-24 ta' Novembru 2017.

**44/05/18** Ġiet innutata CIR AKL 94/2017 – Ċirkulari Multi mill-Awtorità tas-Saħħa u Sigurità fuq il-post tax-xogħol.

**44/05/19** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mis-Sinjura Isabelle Gatt mill-Kunsill Malti għall-Arti – Karnival 2018 – Karnival fl-Irħula. Is-Segretarju Eżekuttiv ħa tibagħtilha l-informazzjoni fuq l-attività tal-Karnival li ser issir f'Ħal Għargħur.

**44/05/20** Ġiet innutata korrispondenza mis-Sur Mark Spiteri (MCA) rigward l-Inizjattiva Finanzjarja favur il-Komunità – Libreriji Lokali / Reġjonali (Ċirkulari Numru 22/2017).

**44/05/21** Is-Sur John Micallef talab sabiex issir tabella li tidjieq it-triq, fi Triq San Nikola, għax qed jgħaddu bi *speed* – Il-Kunsill ma laqax din it-talba peress li dawn it-tabelli mhumiex effettivi.

**44/05/22** Is-Sur Mark Webb li joqgħod bi Triq San Ġwann, qed jissuġġerixxi li jsiru 2 *bollards* quddiem il-bieb ta' barra. Dan għaliex qed jipparkjaw quddiem il-bieb tiegħu u ma jkunx jista' jdaħħal il-mutur ġewwa – Il-Kunsill qabel li jsiru.

**44/05/23** Fuq it-talba biex isir *dog bin* fi Triq D. Farrugia jew fi Sqaq Warda. Din ir-residenta qed issib il-ħmieġ tal-klieb quddiem il-bieb tad-dar – Il-Kunsill talab lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex tistaqsi lil din ir-residenta fejn qed tissuġġerixxi li jsir.

**44/05/24** Is-Sur Alberto Ebejer li joqgħod fi Triq Fidiel Zarb, talab li jsiru *bollards* quddiem il-bieb ta' barra għax peress li jipparkjaw il-karozzi ma jkunx jista' joħroġ mid-dar – Il-Kunsill laqa' t-talba ta' Sur Ebejer u barra minn hekk ħa nwaħħlu wkoll faċċata tagħhom.

**44/05/25** Il-Kappillan jixtieq żewġ *bollards* għax qegħda ssir ħsara f'parti mill-knisja li għadha kemm ġiet restawrata – Il-Kunsill qabel li jsiru.

**44/05/26** Is-Sur Joe Mercieca talab li nħassru l-*parking-bay* ta' maġenb il-garaxx tiegħu għax ma jkunx jista' joħroġ il-karozza mill-garaxx - Kien hemm qbil unanimu.

**44/05/27** Is-Sur Joe Pullicino talab li jsir xi ħaġa fuq l-istat ħażin ta' parti minn Triq l-Indipendenza u parti minn Triq Għaxqet l-Għajn – Il-Kunsill spjega li ftit tal-ġranet ilu Transport Malta

taw it-tarmac fi Triq l-Indipendenza u li fuq ta' Triq Għaxqet l-Għajn ħa nitolbu li l-permess jiġi mġedded għal 5 snin oħra.

**44/05/28** Is-Sinjura Lochheed qed titlob li ssir tabella *'No Heavy Vehicles'* fi Triq Santa Katerina – Il-Kunsill ma laqax din it-talba peress li t-trakkijiet bilfors iridu jgħaddu minn hemm.

**44/05/29** Is-Sur Mario Mallia ssuġġerixxa li ssir *give-way* oħra fi Triq Karmnu Zarb – Il-Kunsill qabel li ssir.

**44/05/30** Is-Sinjura Rebecca Albani li toqgħod fi Triq Caravaggio talbet lil Kunsill jgħid lil wardens biex ma jagħtux ċitazzjonijiet sakemm jinbnew il-binjiet – Il-Kunsill ma jistax jindaħal fix-xogħol tal-wardens.

**44/05/31** Is-Sindku qal li resident talbu sabiex titneħħa r-*road hump* ta' ħdejn il-green grocer. Il-Kunsill ma laqax din it-talba peress li dik ir-*road hump* saret bl-approvazzjoni ta' Transport Malta.

**44/05/32** Is-Sur Mark Azzopardi qal li permezz tal-inizjattiva finanzjarja favur il-komunita', b'kollox inxtraw 132 ktieb ġdid għal-librerija tar-raħal. Is-Sindku rringrazzja lis-Sur Azzopardi talli sab il-ħin sabiex imur jagħżel dawn il-kotba.

**44/05/33** Is-Sur Mario Gauci ressaq suġġeriment sabiex fi Triq San Ġwann, man-naħa ta' Torri tas-Semaforu sar-*road hump* isiru numru ta' *flexible bollards* sabiex jipproteġu lil min ikun qiegħed jimxi fil-ġenb ta' triq. Dan peress li din it-triq hija waħda prinċipali u għaldaqstant jgħaddu minnha ħafna karozzi. Kien hemm qbil unanimu li nġibu l-approvazzjoni ta' Transport Malta.

**44/05/34** Is-Sur Christopher Fenech ressaq suġġeriment sabiex nixtru *Cola Trees* għax-Xwieki. Kien hemm qbil unanimu sabiex inġibu stima mingħand l-E.L.C.

**44/05/35** Is-Sur Christopher Fenech talab li niktbu lil Transport Malta peress li t-*traffic lights* li jinsabu fi Triq tal-Balal mhumiex qed jaħdmu. Is-Sur Fenech spjega li dawn huma l-unika *traffic lights* li hemm ġol-Housing Estate u li jintużaw ħafna mit-tfal tal-iskola. Is-Segretarju Eżekuttiv ħa tinforma lil Transport Malta.

**44/05/36** Is-Sur Fenech ressaq sabiex jinxtraw 10 *momentums* biex jingħataw waqt il-kunċert li ser isir fl-10 ta' Diċembru 2017. Waqt din l-attività ħa jieħdu sehem diversi korijiet u ħa jkun hemm ukoll fotografu. Kien hemm qbil unanimu.

**44/05/37** Is-Sur Fenech irringrazzja lil Onor. Dr Ian Borg li għen sabiex issir tinda għar-residenti Għargħurin fil-venda tal-Belt.

**44/05/38** Fuq l-ikla tal-Milied ġie deċiż li ssir f'Jannar minflok f'Diċembru. Kien hemm qbil unanimu.

**44/06** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitati u/jew Sotto Kumitati**

**44/06/01** Ma kienx hemm korrezzjoni fil-Minuti. Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-minuti tas-Sotto Kumitat Qasam Soċjali.

**44/07** **Konferma tal-membri tal-Bord tal-Evalwazzjoni tat-*Tender for the Provision and Installation of Outdoor Gym Equipment in Ġnien il-Paċi, Ħal Għargħur***

**44/07/01** Il-membri tal-bord ta' evalwazzjoni għat-*Tender for the Provision and Installation of Outdoor Gym Equipment in Ġnien il-Paċi, Ħal Għargħur* ser ikunu s-Sur Ġiljan Aquilina, is-Sur Carl Grech u s-Sur Mark Azzopardi (voting) filwaqt li s-Sur Christopher Fenech u SE (non-voting).

**44/08** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

**44/08/01** Is-SE ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti pendenti / imħallsa li kienet tinkludi l-kontijiet li waslu fl-Uffiċċju tal-Kunsill sad-data ta' meta kienet ġiet ippubblikata l-Agenda. Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-pagamenti kollha.

**44/09** **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

**44/09/01** Il-laqgħa spiċċat fit-7:40p.m. wara li l-*items* fuq l-*Agenda* ġew eżawriti u ġie unanimament deċiż li laqgħa oħra ssir nhar it-Tlieta, 12 ta' Diċembru 2017 fis-6:00pm.

| | |
|---|---|
| *(firmati)* | *(firmati)* |
| **Ġiljan Aquilina** | **Maria Tanti** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |